MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Mandat Numru. 1770/2014/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni**

**Nru. 1770/2014 JZM fl-ismijiet :**

**Francine (21483G) u Tonio (1184G) konjugi Mercieca fil-vesti personali taghhom u ghan-nom u in rapprezentanza ta` FT Supplies *trade name* tan-negozju minnhom gestit**

***kontra***

**Direttur Generali (Kuntratti) f`isem id-Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti pprezentaw rikors għall-ħruġ ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fis-7 ta` Novembru 2014.

Fis-7 ta` Novembru 2014 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, tat lill-intimat għaxart (10) ijiem żmien biex iwiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 18 ta` Novembru 2014 fid-9.15 a.m.

L-intimat kien notifikat fis-7 ta` Novembru 2014 u pprezenta risposta bil-miktub fit-13 ta` Novembru 2014.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 2014. Wara li saret dikjarazzjoni minn rappreżentant tal-intimat, u wara li xehdet ir-rikorrenti Francine Mercieca, fejn ippreżentat żewġ dokumenti, id-difensuri tal-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom, u l-Qorti ħalliet il-proċediment għal provvediment "*in camera*".

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni sabiex izomm lid-Dipartiment tal-Kuntratti, rapprezentat skont il-ligi mid-direttur Generali (Kuntratti) milli :-

*Jilqa` kwalunkwe kwotazzjoni in konnessjoni mas-sejha ghall-kwotazzjonijiet fl-isem ta` "Quotation For Supply of Environmentally Friendly Envelopes" bin-numru CT 2500/2014, u milli jipprocessa, jevalwa jew jaggudika l-istess, jew milli jaghmel kwalunkwe haga ohra in konnessjoni ma` l-istess sejha ghal kwotazzjonijiet.*

**III. <u>Il-pretensjoni tar-rikorrenti</u>**

Ir-rikorrenti ppartecipaw f`sejha ghall-offerti li hareg l-intimat bl-isem "*Framework Contract for the Supply of Environmentally Friendly Envelopes*" (Dok FT1). L-offerta taghhom kienet maghzula (Dok FT2). Partecipant iehor fl-istess sejha oggezzjona l-aggudikazzjoni favur ir-rikorrenti billi mar quddiem il-Public Contracts Review Board (PCRB) [Dok FT3]. L-oggezzjoni ta` dan il-partecipant kienet respinta mill-PCRB. Wara li r-rikorrenti kienu konfermati bhala l-*winning organisation*, kien iffirmat il-kuntratt miz-zewg partijiet. Wara li kien konkluz u ffirmat il-kuntratt, l-intimat hareg sejha ghal kwotazzjonijiet bl-isem "*Quotation For Supply of Environmentally Friendly Envelopes*". Skond ir-rikorrenti, din is-sejha ghal *quotation* kienet tkopri l-istess provvista ta` envelopes li l-intimat kien kontrattwalment marbut maghhom li jakkwista. Skond ir-rikorrenti, l-agir tal-intimati kien kontra l-ligi, u kien se jesponihom ghal pregudizzju finanzjarju serju, ghaliex da parti taghhom huma diga` ghamlu spejjez kbar sabiex jottemperaw ruhhom mal-kuntratt.

**IV. <u>Id-difiza tal-intimat</u>**

L-intimat isostni li l-utilita` prattika tal-"*framework contract*" hija li minflok kull dipartiment tal-Gvern joqghod johrog sejha pubblika ghall-akkwist ta` envelopes, jaghmel dan id-Dipartiment tal-Kuntratti ghad-dipartimenti kollha. Minkejja l-*framework contract,* kull dipartiment jibqa` liberu li jakkwista l-envelopres separatament. L-intimat jikkonferma : a) illi huwa kien irrakkomanda li r-rikorrenti jinghataw il-kuntratt ; b) li l-konkorrent l-iehor oggezzjona quddiem il-PCRB ; c) li PCRB ma accettax l-oggezzjoni ; d) li l-konkorrent ha l-kaz quddiem il-Qorti tal-Appell ; e) li l-appell ghadu pendenti ; f) li qabel sar l-appell, sar il-kuntratt mar-rikorrenti. L-intimat jikkontendi li ladarba sar appell quddiem il-Qorti tal-Appell, il-process tas-sejha ghall-offerti kien sospiz, u kuntratt mar-rikorrenti baqa` ma sarx. Skond l-intimat, id-dokumenti li pprezentaw ir-rikorrenti u li nbaghtu mid-Dipartiment kienu frott ta` zball. Il-"*Quotation For Supply of Environmentally Friendly Envelopes*" harget bhala mizura temporanja ghal zmien tliet xhur sakemm jigi deciz l-appell u dan sabiex d-Dipartimenti tal-Gvern ma spiccawx sprovvisti minn envelopes.

**V. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>**

**<u>Skond is-subinciz (1)</u>** :–

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**<u>Skond is-subinciz (2)</u>** :–

*Il-Qorti **m`ghandhiex** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent `prima facie` jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mela **in linea generali**, tnejn huma l-elementi li rikorrent irid jissodisfa :-

1) irid juri li l-mandat huwa **mehtieg** sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ;

2) irid jipprova li ***prima facie*** ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*... **huwa rekwizit oggettiv** u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Iz-zewg elementi fuq riferiti huma in linea generali. Izda fejn il-Mandat ikun qed jintalab li johrog *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha* [**Art 873(3**)] l-elementi minn tnejn isiru tlieta u cioe` :–

*Il-qorti m`ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-*

*kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma` l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kaz tal-lum, waqt l-udjenza tat-18 ta` Novembru 2014, l-Av. Franco Agius bhala rapprezentant tal-intimat iddikjara illi kieku ma kienx prezentat ir-rikors odjern u milqugh provvizorjament il-hrug tal-Mandat, id-Dipartiment tal-Kuntratti kien ser ikompli bl-ipprocessar tas-sejha li kienet intiza bhala mizura *stopgap*.

Fil-kuntest tat-**tielet element** li jrid jikkonkorri fil-kaz ta` Mandat *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha*, partikolarment l-element tal-*pregudizzju*, ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista` jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa ghalhekk li llum il-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-

hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

## VI. Risultanzi

Din il-Qorti sejra tibda billi tistabilixxi jekk fil-kaz tal-lum jirrizultawx inkella le z-zewg elementi li jridu jigu ppruvati fi kwalunkwe kaz u cioe` kemm fit-talbiet ghall-hrug tal-Mandat in linea generali kif ukoll fejn it-talba tkun tirrigwarda l-Gvern.

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li z-zewg elementi huma karenti fil-kaz tal-lum.

**Dwar il-jedd *prima facie*** ir-rikorrenti jallegaw li mal-intimat huma ghandhom kuntratt iffirmat li minnu allura qeghdin jitnisslu drittijiet u obbligi. L-intimat jikkontesta li ghandu dan il-kuntratt mar-rikorrenti. L-aqwa prova kienet tispetta lir-rikorrenti u din kellha tkun li jipprezentaw il-kuntratt iffirmat jew kopja legali tieghu. Ghalkemm ir-rikorrenti pprezentaw dokumenti ohra, mhumiex dawk id-dokumenti l-ahjar prova li bejn il-partijiet hemm kuntratt iffirmat. Jibqa` l-fatt li dan l-att baqa` ma giex esebit. Il-Qorti tghid illi ma setax ikun xort`ohra ghaliex irrizulta li l-iffirmar miz-zewg partijiet baqa` ma sarx minhabba l-pendenza tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell dwar l-appell li sar mill-kompetitur tar-rikorrenti. Tifhem li ghalkemm kollox juri li l-kuntratt kien se jkun konkluz mar-rikorrenti, kif dahal l-appell tal-konkorrent, l-intimat kellu jwaqqaf il-process sakemm jigi deciz l-appell. Diversa kienet tkun il-konsiderazzjoni li kieku minkejja l-appell, il-kuntratt lahaq gie ffirmat. Fic-cirkostanzi, ir-rikorrenti ma jistghux jikkontendu li ghandhom jedd *prima facie* fuq il-premessi indikati minnhom.

**Dwar l-element tal-*htiega*** l-Qorti tghid illi anke li kieku rrizulta l-jedd *prima facie* it-talba tar-rikorrenti kienet tehel fl-element tal-htiega. Irrizulta li t-tieni sejha – li minnha mhumiex eskluzi li jikkonkorru r-rikorrenti – hija ntiza unikament bhala *stopgap measure* ghal zmien tliet xhur sakemm jigi deciz l-appell.

Ladarba l-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja, il-Qorti mhijiex tara kif il-prosegwiment tat-tieni sejra sejjer igharraq ghal kollox lir-rikorrenti b`mod li jispiccaw jitilfu kull rimedju li jista` jkollhom kontra l-intimat. Fi kliem iehor, anke li kieku r-rikorrenti kellhom dritt *prima facie* – li rrizulta li m`ghandhomx – ma kienx se jkun il-hrug tal-Mandat li jaghti lura lir-rikorrenti l-jeddijiet allegatament ivvjolati ghaliex kien jibqghalhom xorta wahda toroq ohra kif jittutelaw l-interessi taghhom minghajr il-htiega li jkollhom warajhom il-kenn tal-hrug tal-Mandat.

Fil-provvediment taghha tat-28 ta` Novembru 2014 fil-procediment fl-ismijiet "**Dragonara Gaming Limited (C49849) vs Il-Ministeru tal-Finanzi et**", din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*L-element tal-htiega ghall-hrug ta` Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma` l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista` jitnehha, mqar b`decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu2, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

**Ladarba huma mankanti dawn iz-zewg elementi, ma hemmx ghalfejn li l-Qorti tghaddi biex tqis ukoll is-sussistenza o meno tat-tielet element u cioe` l-*isproporzjon tal-pregudizzju* li huwa rikjest meta t-talba ghall-hrug tal-Mandat tkun qeghda ssir kontra l-Gvern.**

**Sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-Qorti hija prekluza (*m`ghandhiex*) milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tas-7 ta` Novembru 2014 safejn kienet laqghet it-talba provvizorjament, tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat. Tordna li l-ispejjez ta` din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------